# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# (sede kostituzzjonali)

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 23 ta' Jannar 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Nru. 325/2024**

## Spiridione Stephen Bugeja

**vs**

## L-Avukat tal-Istat; u

## l-Awtorità tal-Artijiet

Kopja informali

**Daħla**

1. Ir-rikorrent jilmenta li ġew leżi d-drittijiet propjetarji tiegħu meta ġiet esproprijata art proprjetà tiegħu għall-formazzjoni ta' triq fl-1975. Il-konvenuti jeċepixxu, *inter alia,* li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju taħt l-artikolu 67 tal-Kap. 573, permezz ta' liem artikolu huwa seta' jieħu lura l-pussess tal-art jew inkella jiġi kkumpensat tad-danni materjali u morali subiti.

2. Għal din ir-raġuni, il-qorti ġiet mitluba sabiex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319, u sabiex b'hekk tirrifjuta li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha, peress li jeżistu jew kienu jeżistu mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat skont xi liġi oħra. B'din id-deċiżjoni, il-qorti ser tkun qiegħda tiddetermina jekk it-tali stedina għandhiex tintlaqa'.

**Fatti**

3. Ir-rikorrent Spiridione Stephen Bugeja (is-'sur Bugeja') huwa propjetarju ta' porzjon art fabbrikabbli f'Birżebbuġa, b'kejl ta' cirka mija u erbgħin metri kwadri (140m$^2$), li tmiss min-Nofsinhar ma' Triq San Mikiel, mil-Lvant ma' Triq Zaren Dalli, u mit-Tramuntana ma' beni ta' Turu Micallef. Huwa akkwista din il-porzjon art permezz tal-kuntratt ta' diviżjoni tas-7 ta' Mejju 1981 ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin.[1]

4. Madwar is-sena 1975, ittieħdet parti mill-art tas-sur Bugeja, b'kejl ta' tmienja u tmenin metri kwadri (88m$^2$),[2] sabiex tiġi ffirmata Triq San Mikiel, kantuniera ma' Triq Zaren Dalli, Birżebbuġa. Dan mingħajr ma ttieħdu l-passi meħtieġa sabiex tiġi formalizzata l-esproprijazzjoni u mingħajr ma qatt ingħata kumpens lis-sur Bugeja.[3]

5. Fit-25 ta' April 2017 ġie ppromulgat l-Att XVII tal-2017, imsejjaħ l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573). Fl-artikolu 67(1) tiegħu ġie mogħti d-dritt lil sid t'art li tkun okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti, biex jirrikorri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet (il-'Bord'), u jitlob dik l-art tiġi akkwistata b'xiri assolut mill-Awtorità tal-Artijiet (l-'Awtorità'), jew inkella biex jitlob li dik l-art tintradd lura ħielsa u franka minn kull okkupazzjoni.[4]

6. Flimkien mat-talba għax-xiri jew ir-radd lura tal-art, tista' ssir ukoll talba biex il-Bord "jillikwida u jordna lill-awtorità tħallas id-danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet qed tiġi okkupata mingħajr ma nħarġet id-dikjarazzjoni" (l-artikolu 67(8) tal-Kap. 573). Fl-artikolu 67(9) tal-Kap. 573 ġie dispost li l-jedd tas-sid l-art taħt dan l-artikolu jintilef fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tal-Att, liem perjodu huwa "perentorju u ma jistax jiġġedded".

[1] Ara l-kuntratt ta' diviżjoni tas-7 ta' Mejju 1981 ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin, f'paġni 3-8.
[2] Ara site plan tal-Art f'paġna 9.
[3] Dan jiġi kkonfermat mill-Awtorità tal-Artijiet fil-korrispondenza elettronika tagħha tas-6 ta' Marzu 2024 (pg 11).
[4] Jekk l-Awtorità tindika fir-risposta għar-rikors ippreżentat minn sid l-art, li hija trid tikseb l-art b'xiri assolut, hija trid turi għas-sodisfazzjon tal-Bord li dik l-art hija meħtieġa għal skopijiet pubbliċi. F'każ li l-Bord ikun sodisfatt li l-art hija meħtieġa għal skop pubbliku, huwa jgħaddi biex jagħti terminu lis-sid u lill-Awtorità biex dawn jiddikjaraw kemm għandu jkun il-kumpens għat-trasferiment tal-art. Jekk il-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar il-kumpens għat-trasferiment, dan jiġi stabbilit mill-Bord stess, wara li tkun twettqet stima tal-"ammont illi l-art tista' ġġib kieku tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament", b'riferenza għad-data meta jkun ġie ppreżentat ir-rikors.



Kopja informali

7. Peress li l-Kap. 573 ġie ppromulgat fil-25 ta' April 2017, dan it-terminu kellu jiskadi fil-25 ta' April 2022. Biss però matul il-pandemija ġew sospiżi t-termini applikabbli għall-preżentata t'atti quddiem qrati, tribunali, bordijiet, kummissjonijiet, kumitati jew entitajiet li quddiemhom isiru jew jinstemgħu proċeduri.[5] Għal dawk li joperaw mill-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħall-Bord, it-tali sospensjoni daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Marzu 2020, u damet fis-seħħ sat-12 ta' Ġunju 2020 – 89 ġurnata b'kollox.[6] B'hekk it-terminu ta' ħames snin taħt l-artikolu 67(9) tal-Kap. 673 skada fit-23 ta' Lulju 2022 minflok fil-25 ta' April 2022.

8. Is-sur Bugeja m'għamilx użu mir-rimedju taħt l-artikolu 67 tal-Kap. 573. Fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2024, huwa spjega li bejn 2017 u 2022, huwa kien ġej u sejjer lejn Malta fuq xogħol. Kien għalhekk li ma rrikorriex quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet. Minflok huwa rrikorra quddiem din il-qorti fit-3 ta' Lulju 2024, u dana sabiex din il-qorti tiddikjara li r-rikorrent qed isofri leżjoni tad-drittijiet tiegħu sanċiti fl-artikoli 6 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u sabiex tillikwida l-kumpens dovut lilu. Fir-rikors tiegħu, huwa jilmenta wkoll li l-artikolu 67(9) tal-Kap. 573 m'huwiex rimedju effettiv; anzi jilledi d-drittijiet fondamentali tiegħu, u huwa diskriminatorju bejn dawk li pproċedew quddiem il-Bord qabel ma skada t-terminu u dawk li ma pproċedewx sa dik id-data.[7]

9. L-Avukat tal-Istat u l-Awtorità tal-Artijiet jeċepixxu li bl-artikolu 67 tal-Kap. 573, ir-rikorrent kellu rimedju ordinarju disponibbli li kien jippermettilu jirrikorri għall-Bord biex jakkwista kumpens kemm ta' danni materjali kif ukoll tad-danni morali minħabba dewmien. Il-fatt li r-rikorrent m'utilizzax dan ir-rimedju fi żmien ħames snin, kif kellu dritt li jagħmel skont l-artikolu 67(9) tal-Kap. 573, ma jfissirx li issa għandu l-jedd li jirrikorri quddiem qorti b'poteri kostituzzjonali u konvenzjonali biex tagħmel tajjeb għall-inerzja tiegħu. Għal din ir-raġuni, l-Avukat tal-Istat stieden lill-qorti biex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha u cioè biex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha

Kopja informali

[5] Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali (A.L. 61 tal-2020).
[6] Artikoli 3-4, Ordni tal-2020 li jħassar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja (A.L. 230 tal-2020).
[7] Ara r-rikors kostituzzjonali f'paġni 1-2.

taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 biex ma tismax dan l-ilment.[8]

10. Fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2024, il-kawża tħalliet għal deċiżjoni dwar din l-eċċezzjoni jew, aħjar, stedina.[9]

**Diskrezzjoni tal-qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319**

11. Il-konvenuti jgħidu li rikorsi kostituzzjonali huma min-natura tagħhom speċjali u straordinarji. Għalhekk, meta s-sistema ordinarja ta' rimedji tipprovdi soluzzjoni effettiva, dik is-sistema għandha tiġi wżata u addottata qabel ma l-Gvern jiġi akkużat li kiser id-drittijiet fundamentali tal-individwu. Skonthom, ma tistax persuna tippretendi li tingħata rimedju kostituzzjonali meta jirrizulta li din tkun għażlet li ma tużax ir-rimedji ordinarji li kienet tagħtiha l-liġi ordinarja.[10]

12. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent jgħid li n-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji m'għandux ikun suffiċjenti biex qorti ta' xejra kostituzzjonali tirrifjuta li tuża s-setgħat tagħha, jekk jintwera li l-mezzi ma kienux tajbin biex joffru rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu, jekk ikun hemm raġuni serja u gravi ta' illegalità, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tal-liġi.[11] Dan jgħodd ukoll meta l-liġi tkun intrinsikament ħażina u anti-kostituzzjonali min-natura tagħha u f'każ li tkun ser titwettaq inġustizzja jekk il-qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha.

*Prinċipji Legali*

13. Id-diskrezzjoni tal-qorti għandha tiġi eżerċitata bi prudenza,[12] u fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja.[13]

---

[8] Ara r-risposta tal-Awtorità tal-Artijiet f'paġni 13-15, u tal-Avukat tal-Istat f'paġni 17-19.
[9] Ara l-verbal, f'paġna 21.
[10] *Nardu Balzan Imqareb vs Reġistratur tal-Qrati*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali), 18 ta' Mejju 2006,
[11] *Carmel Cortis vs Onor Prim Ministru et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali), 12 ta' Ottubru 2023.
[12] *David Axiaq vs Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku*, Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Mejju 2004.
[13] Irid jinħoloq bilanċ, biex minn banda waħda jiġi mwaqqaf min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mill-banda l-oħra ma jinħoloqx xkiel bla bżonn lil min ġenwinament jeħtieġ rimedju kostituzzjonali. *John Sammut vs Awtorità tal-Ippjanar*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 27 ta' Frar 2003; 36/2002, *Mediterranean Film Studios Limited vs Il-Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 31 ta' Ottubru 2003.



Kopja informali

14. Sabiex ir-rimedju ordinarju jitqies bħala wieħed 'xieraq' skont l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li r-rimedju jkun wieħed aċċessibbli, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew it-theddid ta' ksur ilmentat.[14]

15. Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smiegħ tal-ilment tar-rikorrent ser iwassal biex l-eżaminazzjoni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smiegħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-qorti għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat kostituzzjonali tagħha, sakemm l-eżaminazzjoni tal-każ, ma tkunx min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.

**Jekk l-artikolu 67 tal-Kap. 573 joffrix rimedju effettiv**

16. Il-partijiet jaqblu li r-rimedju taħt l-artikolu 67 tal-Kap. 573 m'għadux disponibbli għaliex għalaq it-terminu ta' ħames snin imsemmi fid-disa' sub-inċiż tal-istess artikolu. Kif diġà ngħad, ir-rikorrent spjega li huwa ma ħax passi taħt dan l-artikolu għaliex bejn 2017 u 2022, għaliex huwa kien ġej u sejjer barra minn Malta fuq xogħol. Il-konvenuti jirrimarkaw li l-assenza tar-rikorrent ma ġietx ippruvata, iżda lanqas li kieku, din ma tistax din tiskuża l-inerzja tiegħu meta jeżistu mezzi biex wieħed imexxi kawża meta jinsab barra minn Malta.[15]

17. Ir-rikorrent isostni li l-liġi li stabbiliet it-terminu ta' ħames snin (cioè l-artikolu 67(9) tal-Kap. 573) hija drakonja, eċċessiva u severa u tikser id-drittijiet fundamentali tiegħu, b'mod partikolari l-artikoli 6 u 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa jippostula li ma jeżisti l-ebda għan leġittimu għat-terminu qasir ta' ħames snin, speċjalment meta wieħed iqis it-termini ferm itwal stabbiliti għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet propjetarji fiċ-ċivil. Agħar minn hekk, huwa jgħid li t-tali terminu qasir jagħmilha ferm aktar faċli għall-awtoritajiet pubbliċi biex jevadu l-obbligi

[14] Dan ma jfissirx li t-tali rimedju għandu joffri suċċess garantit; biżżejjed li jintwera li dan jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. *Rea Ceramics Limited vs Kunsill Malti għall-Isport et*, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Lulju 2014; *Olena Tretyak vs Direttur taċ-ċittadinanza u Expatriates Affairs*, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Jannar 2006; *Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*, Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' April 1991; *Louise Xerri et vs Kummissarju tal-Artijiet,* Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Mejju 2016.
[15] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, f'paġni 32-44.



Kopja informali

kostituzzjonali tagħhom u dana billi jieħdu proprjetà privata mingħajr ma jipprovdu kumpens xieraq lis-sid, bħalm'għamlu fil-każ preżenti.[16]

18. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti jsostnu li t-termini proċedurali bħal dak taħt l-artikolu 67(9) tal-Kap. 573, huma kompatibbli mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea u jservu għan leġittimu billi jassiguraw iċ-ċertezza legali u t-twettiq tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Huma jfakkru li d-dritt għall-aċċess ta' qorti m'huwiex dritt assolut u jista' jiġi assoġġettat għal restrizzjonijiet li ma jinċidux fuq l-essenza tad-dritt.[17] Huma ċċitaw każistika li sabet li r-rimedju quddiem il-Bord huwa wieħed prattiku u effettiv.[18]

**Analiżi tal-Qorti**

19. Il-qorti ma tqisx li għandha tilqa' l-istedina taħt l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, fil-każ preżenti. Dan m'huwiex għaliex qiegħda ssib li r-rimedji li seta' jagħti l-Bord ma kienux ikunu rimedji effettivi, iżda għaliex m'hijiex preżentement sodisfatta li l-artikolu 67(9) seta' jservi ta' rimedju sħiħ għall-ilmenti li għamel ir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tat-3 ta' Lulju 2024.

20. L-ewwel nett, ir-rikorrent jallega leżjoni tad-drittijiet fundamentali kontinwa, u mhux istantanja. L-argument li jressaq hu li d-dritt għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu ġie leż meta tteħiditlu l-Art u għadu qed jiġi le, ġaladarba huwa baqa' ma ġiex ikkumpensat għall-akkwist tal-Art u lanqas ma ntradd lura lilu l-pussess ħieles tal-Art.

21. B'hekk, skont ir-rikorrent, anke li kieku wieħed kellu jqis li l-artikolu 67(9) tal-Kap. 573 huwa kompatibbli mal-Kap. 319 u mal-Kostituzzjoni, dan seta' joffri rimedju lir-rikorrent

---

[16] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, f'paġni 23-30.

[17] *Pérez de Rada Cavanilles v. Spain*, app. no. 28090/95, QEDB, 28 ta' Ottubru 1998; *Stubbings and others vs the UK*, QEDB, Reports 1996-IV § 51-52; *Miragall Escolano and Others vs Spain*, QEDB, 25 ta' Jannar 2000, Reports of Judgments and Decisions 2000-I.

[18] Per eżempju, fis-sentenza ta' din il-qorti (diversament preseduta) tas-27 ta' Frar 2024 fl-ismijiet *Michelina Pace et vs l-Awtorità tal-Artijiet et* (40/2020 RGM), il-qorti ddikjarat li r-rimedju taħt l-artikolu 58(1) tal-Kap. 573 huwa rimedju ordinarju, prattiku, effettiv, aċċessibbli u adegwat. Hija sostniet li jekk ma tilqax l-istedina biex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha, hija tkun qed timmina l-funzjoni tal-Bord u fuq kollox il-mezzi xierqa li pprovda l-leġislatur. F'sentenza oħra ta' din il-qorti (diversament preseduta) tal-21 ta' Ottubru 2024 fl-ismijiet *Richard Buhagiar vs l-Avukat tal-Istat et* (241/2022 AF) iċċitata mill-konvenuti, il-qorti rrifjutat li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha peress li r-rikorrent kien naqas milli jieħu l-passi meħtieġa biex jipproteġi l-interessi patrimonjali tiegħu. Skont din is-sentenza, it-tali nuqqas ma setax issa jiġi attribwit lill-intimati jew lill-leġislatur.



Kopja informali

għall-perjodu li jippreċedi t-23 ta' Lulju 2022 biss. Għall-perjodu wara it-23 ta' Lulju 2022 l-artikolu 67(9) ma jista' joffri l-ebda rimedju lir-rikorrent.

22. It-tieni nett, kif diġà ngħad, ir-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-artikolu 67(9) tal-Kap. 573 jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu. Minkejja li din il-lanjanza hija marbuta mat-teħid ta' proprjetà privata mill-Gvern, il-Bord m'huwiex kompetenti biex jismagħha u jiddeċiediha. Dan għaliex il-Bord m'huwiex munit bis-setgħa li jiddetermina jekk l-individwu sofriex jew jistax isofri ksur tad-drittijiet fondamentali garantiti mill-Kostituzzjoni u/jew Kap. 319. It-tali setgħa hija mogħtija unikament lill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap. 319.

23. B'hekk, anke bil-poteri ampji li ngħataw lill-Bord fl-artikolu 58 tal-Kap. 573, huwa m'huwiex kompetenti biex jiddetermina jekk l-"Artikolu 67(9) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta" huwiex tassew "diskriminatorju" u jekk verament jilledix id-"drittijiet fondamentali ta' proprjetà ta' l-esponent u dan bi ksur ta' l-Artikoli 6 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem" – cioè l-ewwel talba tar-rikorrent. Il-qorti ma tqisx li dan l-ilment, ħlief fir-rigward tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, huwa wieħed frivolu u allura jeħtieġ li hija twettaq eżaminazzjoni aktar profonda tiegħu.[19]

**Parti deċiżiva**

B'hekk il-qorti tiċħad l-istedina tal-Avukat tal-Istat u tal-Awtorità biex ma teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha.

Bl-ispejjeż kontra l-Avukat tal- Istat u l-Awtorità.

---

[19] Għalkemm huwa minnu li t-termini proċedurali m'humiex minnhom infushom inkompatibbli mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea – kif ġie nnotat fil-każistika ċċitata mill-konvenuti stess – dan japplika biss jekk it-tali restrizzjonijiet jservu għan leġittimu, jekk jinżamm bilanċ xieraq u jekk l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet ma tiċħadx lill-individwu mill-opportunità li jagħmel użu ta' rimedju disponibbli. F'dan l-istadju l-qorti tinnota żewġ fatturi partikolari li jridu jiġu indirizzati sew biex jitqies l-argument dwar il-kostituzzjonalità tal-artikolu 67 tal-Kap. 573. L-ewwel nett, jidher li t-terminu stabbilit ma jiddependix fuq id-data li fiha tkun seħħet l-allegata esproprijazzjoni *de facto* u għalhekk huwa ugwalment applikabbli f'sitwazzjoni fejn l-esproprijazzjoni *de facto* tkun twettqet viċin ħafna tal-iskadenza tat-terminu. It-tieni nett, huwa l-obbligu tal-Istat li jaċċerta ruħu li ma jipprivax lill-individwi mill-proprjetà privata tagħhom, ħlief f'każ li jkun hemm skop pubbliku għal dan, u meta jkun ingħata kumpens xieraq. B'dan l-artikolu jidher li l-obbligu tal-Istat tpoġġa unikament fuq l-individwu, mingħajr ma tpoġġa l-ebda obbligu simili fuq l-Istat biex jassigura li jiġu formalizzati dawn l-esproprijazzjonijiet *de facto*. Il-qorti mhix qiegħda pożizzjoni dwar dan kollu, iżda tagħmel hekk fis-sentenza finali, wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.



Kopja informali

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

Kopja informali